Il-Gimgha 10 ta' Jannar 2003

Fejn huma t-turisti?

Jiena zaghzugha.  Bhal kull zaghzugha ohra, mhux l-ewwel darba li niffrekwenta postijiet ta' divertiment u matul dan iz-zmien stajt nosserva wkoll bidla fl-attivita' f'postijiet ta' divertiment.

Niftakar fi zminijiet meta kont izghar, fejn kont immur Bugibba u Paceville, u l-popolazzjoni ta' nies li qeghdin jiddevertu kienet tkun iktar barranija milli Maltija.  Jiena persuna li, minbarra li ninteressa ruhi fin-nies, ninteressa ruhi fil-lingwi.  Meta kont ferm izghar kont niltaqa' ma' hafna barranin u ma kontx nipprattika biss il-lingwa Ingliza, imma wkoll lingwi ohra bhal dik Taljana, Franciza u Germaniza.

Kul turist kien ikun ghalija dizzjunarju haj tal-lingwa tieghu kif ukoll ktieb tal-kultura ta' pajjizu. Ghal min ma jafnix ftit jista' jifhem il-passjoni tieghi lejn il-lingwi barranin u l-kulturi.  Imma sfotunatament jew fortunatament, dan l-ahhar ikkoncentrajt iktar fuq l-iskoperta ta' kulturi 'l barra mill-kontinent Ewropew u vvjaggajt halli nara b'ghajnejja u mmiss b'idejja kulturi mbieghda.

Nemmen bis-shih i l-fatt li tkun f'pajjiz jghallmek hafna u jimmaturak.  U mhux biss fuq livell kulturali imma wkoll ekonomiku u politiku.  Ma llimitajtx ruhi ghall-Ewropa, ghax id-dinja hi ferm akbar mill-Ewropa u kif !  Ghal persuni li hargu barra mill-Ewropa, l-Ewropa mhix dak l-univers li jahsbu li hu dawk li dejjem ivvjaggaw fl-Ewropa biss !

Fil-fatt hi pjuttost post zghir u maghluq !  Mentri taghlima ohra li hadt mill-vjaggi tieghi f'artijiet immensi kienet kemm Malta hi post sabih – li f'roqgha ta' art il-qies ta' Malta ahna ghandna dak kollu u xi kultant ferm aktar, li barra minn Malta ghandhom biss f'wesghat tant kbar li trid tivvjagga tliet sighat bl-ajruplan minn wahda ghall-ohra ; tghallimt ukoll li bejn Malta u l-Karibew, il-genna li kulhadd johlom biha, m'hemm l-ebda bahar jaqsam u li jekk inzommu ambjent nadif f'pajjizna, ahna wkoll sostituti ferm tajjeb ghall-Karibew.

Mela napprezzaw dak li ghandna.  U fl-ahharnett tghallimt ukoll li jiena nista' nkun ambaxxatrici mhux ufficjali ta' pajjizi billi nwassal informazzjoni fuqha ma' nies li qajla semghu biha u narhom jistaghgbu b'dak li ghedtilhom fuq Malta, mentri jien inkun ghadni ma semmejt xejn dwarha !  Forsi kull ma nkun semmejt il-bahar u x-xemx !

Imma t-turizmu f'Malta tana l-opportunita' li niltaqghu ma' hafna barranin u li naraw kampjun ta' popolazzjoni barranija minghajr ma jindahal izzejjed fil-kultura taghna. B'dan biss ma nistghux nghidu li t-turisti huma veduta ezatta ta' pajjizhom.  Pjuttost huma parti mill-popolazzjoni ta' pajjiz li tinteressa ruhha fil-kultura taghna, hallset biex tigi tintegra maghna ghal ftit zmien bla ma tinterrompi l-kors ta' hajjitna u hafna drabi, t-turisti li naraw f'pajjizna ikunu dawk li ghallinqas ghandhom flus biex jigu hawn !

Mhux talli hekk, talli fil-perjodu li jaghmlu hawn, bhal ma jigri lilna meta mmorru f'pajjizi barranin, lesti biex jiehdu pjacir, 'il boghod mill-hajja taghhom ta' kuljum u lesti biex jonfqu flus mill-inqas ghaxar darbiet daqskemm jonfqu fil-hajja ta' kuljum taghhom f'pajjizhom ! Issa wiehed ma jridx jinsa li t-turizmu hu l-ikbar industrija ta' pajjizna. Ihaddem direttament lil hafna nies. Dawk li jahdmu direttament fit-turizmu huma s-sidien tal-lukandi, il-waiters, ir-receptionists, ic-chambermaids, il-kantanti u l-muzicisti u kull min joffri xi tip ta' entertainment, tal-watersports fuq ix-xatt, tal-gelati, kif ukoll il-bdoti, l-airhostesses, kull min jahdem f'xi ufficcju ta' l-Airmalta, dawk ta' l-MIA, dawk li jgorru l-bagalji, l-inginiera, tat-torri tal-kontroll, tal-minibuses u l-coaches, l-agenziji ta' l-ivvjaggar u t-tour operators, dawk il-hwienet kollha li jbieghu s-souvenirs, dawk li jorganizzaw it-tours u dawk li jorganizzaw il-konferenzi, il-gwidi, il-parkers, il-bejjiegha tal-haxix hdejn xi bajja ecc.

Imma xoghlu marbut indirettament mat-turizmu ghandna lill-bidwi li jipprovdi l-prodotti tieghu lil-lukandi, dak li jwahhal l-airconditioning systems u x-showers, dak li jimporta l-apparat professjonali tat-tisjir, dawk li joffru servizzi professjonali tat-tindif, dawk li jipprovdu servizzi tal-pest control, il-gardinara u min ibiegh is-sigar u l-pjanti, dawk li jimpurtaw security systems, tal-liftijiet u miljun servizz iehor li forsi qtajtilkom nifiskom taqrawhom !

Imbaghad hemm dawk li ghalkemm remotament xorta jibbenifikaw mit-turizmu. Il-hanut tal-merca li suppost joffri servizz lill-komunita' tar-rahal tieghu, xorta jaqla' xi sold zejjed, specjalment fis-sajf. Dawn jibbenifikaw ghax s'issa l-popolazzjoni ta' Malta dejjem ittripplat fl-aqwa ta' l-istagun tat-turisti! U t-turisti hlief qliegh ma jgibux!

Mela lit-turist nistghu nqisuh bhala dik il-persuna barranija li fil-gimgha li ghamlet hawn, nefqet it-tripplu li tista' tonfoq f'pajjizha, iddedikat dawk is-sebat ijiem ma taghmel xejn (heqq! Ghax mhix tahdem!) hlief tuza s-servizzi li noffrulha u tonfoq fil-hwienet tax-xorb! U barraminhekk il-mod kif se tintegra maghna hu mod amikevoli ghall-ahhar. L-iktar l-iktar tippretendi li tiehu dak li hallset ghalih u wara xi sebat ijiem, tghidilna bye bye u thallina.

L-iskop tieghi llum ghalhekk, mhux li nitkellem dwar it-turizmu ekonomikament imma wkoll psikologikament (il-mod ta' kif jahsibha t-turist barra minn pajjizu) u antropologikament ( l-effett ta' l-interazzjoni tal-barrani fil-pajjiz fejn qieghed). U x'ghandhom x'jaqsmu dawn flimkien? Hafna! Ghax it-turist jigi bid-dahqa fuq fommu u b'mazz flus fil-but! Ir-resident barrani jigi biex mill-ekonomija ta' Malta u jaghti ftit lura waqt li jinfiltra l-hajja Maltija tant li jkollu drittijiet daqs il-Malti jekk mhux jippretendi li ghandu jikkmandah skond il-kariga ta' xoghol li jokkupa nittamaw – mhux qed nirreferi ghal razzizmu – biex ma ninftiehmx hazing.

Ghalhekk it-turist hu verament dak li rridu niehdu hsieb, mhux dak li hu mhajjar jigi joqghod Malta. B'relazzjoni shiha fl-UE nafu li nistghu nittrattaw bis-shih lil min hu nteressat jigi joqghod f'pajjizna. Imma jigri x'jigri mir-relazzjonijiet taghna ma' l-Unjoni – fl-ebda kaz ma ghandna neqirdu lit-turist.

Imma x'gara? Donnu li l-barranin iktar kemm, skond xi whud, qeghdin noqorbu lejn Shubija shiha fl-Unjoni u iktar kemm jokkupaw mill-bulettin ta' l-ahbarijiet, iktar saru xi haga tat-televizjoni! Iktar sirna socjeta' omogenea! Illum biex tara Ingliz m'ghadux bhal qabel – tohrog fit-triq u tarah! Illum trid tiftah it-televizjoni!

M'ahniex qeghdin nindunaw li l-barranin qed jonqsu minn Malta? Li t-turisti sparixxew! Li biex tara bicca xaghar safra trid tfittex! Fil-fehma tieghi, fit-turizmu tant morna lura li ma nkunx qed nesagera nghid li Bugibba u Paceville fallew anke fil-jiem ta' festi. Mentri qabel kont tohrog u tipprova taqta' n-nies ta' hdejk x'nazzjonalita' huma ghax tismaghhom jitkellmu b'xi lingwa stramba – fil-mawriet ricenti tieghi f'Paceville u Bugibba, hlief Maltin ma rajtx! U dan anki fi zmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena! Issa jekk Bugibba u Paceville huma vojta, allur fejn huma t-turisti ?

M'ilux tlajt Bugibba fost il-gimgha – il-Hamis. Kullimkien kien maghluq u bar wiehed biss kien miftuh fil-pjazza. Dan ezatt qabel il-Milied! U bl-ammont ta' nies li kien hemm – kollha Maltin – iktar hsibtni dhalt f'xi kazin politiku li bilfors ikollu attendenza minima billi nofs il-Maltin huma eskluzi! Minn fuq l-erbgha birra li biegh is-Sid, zgur li ma setax ihallas lill-Barman u lid-DJ! Ahseb u ara d-dawl!

Fl-Ewwel tas-sena dort dawra mhux hazing ma' Paceville. Ghalkemm kien hawn diversi parties kbar li setghu attiraw ghal postijiet alternattivi f'dan il-lejl, xorta wahda stajt ninnota li Paceville – il-Mekka tad-divertiment – apparti li t-turisti stajt tghoddhom, kien hemm sahansitra postijiet u stabbilimenti ta' 150 metru maghluqin u mbarrati ! Issa, kieku l-ekonomija, li f'dan il-kaz hija bbazata fuq it-turizmu , kieku stabilimenti fic-centru ta' Paceville kienu se jithallew bit-tape mal-hgieg ? U kieku stess regghu ghaddew min id ghal ohra se jkunu maghluqin propju fl-Ewwel tas-Sena ?

Is-suspetti tieghi, li m'ghandhomx ghalxiex ikunu biss suspetti ghax tara u tmiss b'idejk, jigu fondati iktar u iktar meta nitkellem ma' nies involuti fit-turizmu. Li m'ghedtx hu li l-investigazzjoni tieghi meta nohrog fil-ghaxija ma tieqafx hemm. Kemm-il darba nkellem lis-Sid tal-bars jew lil xi DJs fuq kif sejrin ! U ma tridx tipprova tonsobhom b'ebda mod ghax sfortunatament b'kumment wiehed ("Kull m'hawn vojt!") jifthulek ktieb shih ta' wgiegh ta' qalb. Probabbilment japprezzaw li hemm xi hadd li, ghalkemm qieghed fl-istabbiliment taghhom biex jiehu gost jinnota li bl-ammont ta' nies li ghandhom, fl-ahhar tal-gurnata, b'dak li jbieghu, lanqas ghandhom biex jifdu l-paga tal-barman!

U n-nies li kienu jahdmu f'dawn l-istabbilimenti li qeghdin jippreferu jibqghu maghluqin fejn huma? U dawk it-turisti li min konversazzjoni f'bar ghallmuni kelma ohra bit-Taljan, fil-Franciz jew bil-Germaniz fejn huma?

Kien hemm zmien meta konna nghidu fis-settur tal-lukandi, li bicciet minnhom fix-xitwa litteralment kienu jsiru dar tax-xjuh ghall-barranin.

Lanqas dawk m'ghad baqa' llum il-gurnata! Lanqas turist anzjan li jippreferi jhallas lukanda Malta milli d-dawl ghas-central heating biex jikkumbatti l-kefrija tax-xitwa f'pajjizu (ghax Malta tigih irhas) m'ghadek tara! Prattikament m'ghadek tara xejn!

Nitkellem ukoll ma' min jahdem fil-lukandi. Lukandi ta' 80 kamra bi tnax-il kamra biss mimlija meta l-prezz bed and breakfast ikun biss ta' xi LM4 ! Receptionists li tant m'ghandhomx x'jaghmlu li bil-monotonija ta' xoghlhom bil-lejl kwazi jispiccaw jorqdu wara l-bank! U li minhabba n-nuqqas ta' xoghol li jezisti wkoll f'dan is-settur jaccettaw li jaghmluh ghal paga mizera. Nitkellem ukoll ma' sidien ta' lukandi.

Haga wahda rridu nzommu f'mohhna. Is-socjeta' hi maghmula minn saffi ta' nies. Min jaqla' tant u min jaqla' tant. Min jissejjah 'sinjur' jew 'propjetarju' u min jissejjah 'haddiem'. Imma l-haddiema jista' biss jaqla' jekk is-sinjur jibqa' sinjur. Bhalma l-haddiem ghandu l-preokkupazzjoni fuq mohhu li jzomm il-post tax-xoghol hekk ukoll is-sinjur irid jaqla' flus bizzejjed biex ihallas lil min ihaddem. Iz-zghir jista' jkun kuntent biss jekk il-kbir ikun kuntent. L-investitur haqqu jithallas iktar ta' l-investiment u r-riskju li dahal ghalih, allura kull gwadann merhba bih. U ghandu dritt ikun sinjur ghax hu dak li hadem ghalih. Anzi lis-sinju irriduh isir iktar sinjur, halli l-investiment tieghu aktar jirnexxi u jhaddem aktar nies. Bazikament hawnhekk qeghdin nitkellmu wkoll fuq intraprizi zghar u ta' daqs medju. Li rridu ninkoraggixxu.

Imma l-isfortuna hi, li meta nhares lejn it-turizmu llum ninduna li din l-industrija sfrundat. Min investa fit-turizmu qed jiffaccja problemi kbar. Il-postijiet li l-iktar huma centri turistici qeghdin jispiccaw ghera min-nies. Tiftah it-televizjoni, hlief weekends ghall-Maltin stess fil-lukandi u rigali ta' din ix-xorta ma tismax ! Issa, kieku l-lukandi mimlijin bit-turisti barranin se jkollhom spazju ghall-Maltin? Fil-verita' min holoq negozju bbazat fuq il-konsumatur Malti qed imur ahjar minn dak li nvesta totalment ghall-konsumatur barrani.

U l-pajjizi ta' hdejna, l-aktar it-Tunezija, dejjem sejrin 'il quddiem u dejjem bi prezzijiet baxxi. Ahna, min-naha l-ohra, l-prezzijiet taghna dejjem aktar joghlew. Nassigura biss lil dak li qeghdin jaqraw dan l-artiklu li l-informazzjoni li qieghda naghti gejja kollha minn nies bhalkom u li kollha vera bla ebda esagerazzjoni. L-istagnar fl-industrija tat-turizmu hu kbir.

Il-barranin saru kwazi xi haga ta' l-istampi. Kieku m'hawnx xi erbgha skejjel ta' l-Ingliz, kieku m'ghad baqa' xejn, anke jekk l-istatistici jonfhu t-trumbetti bil-kontra u jippruvaw iraqqghu l-pannu bil-qargha hamra. Issa, kull ma qeghdin nistennew hu, li l-barranin jigu f'pajjizna b'mod iehor. Jekk ir-referendum jghaddi, jigu hawn biex jahdmu u ghalxiex le ? Biex jehdulna xoghlna.

U jigu hawn mhux bid-dahka ta' turist fuq fommu, imma bil-karattru ta' xi hadd li qed jikkompetielna, mhux b'xi bagit ta' xi flus enormi li ddecidew li jonfqu, jigri x'jigri, f'temp ta' xi sebghat ijiem jew hmistax, imma b'bagit li daqskemm jonfqu jridu jaqilghu t-tripplu !

Il-btala ta' l-Ewropej f'pajjizna kienet ukoll btala ghall-ekonomija ta' pajjizna fo ;waqt ;o x-xoghol li jekk nidhlu fl-Unjoni , jigu jaghmlu f'pajjizna l-Ewropej, se jkun bicca xoghol vera ghal pajjizna !

Imma haga wahda ghandna nistaqsu :  jekk hawn it-turisti, fejn huma t-turisti ?